MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 712/2007

Kummissarju tat-Taxxi Interni
vs
John Bezzina

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' John Bezzina ai termini ta' l-Artikolu 466 (2) tal-Ligijiet ta' Malta li bih espona:

Illi permezz ta' ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 13 ta' Gunju 2007 u debitament notifikata lil John Bezzina fit-20 ta' Gunju 2007, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab il-hlas tas-somma ta' tmint elef erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm8,441) rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja u/jew taxxa addizzjonali ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003.

Illi John Bezzina bil-procedura prezenti oggezzjona ghat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta' l-ammont imsemmi, stante li dan l-ammont mhux dovut fl-intier tieghu, peress illi John Bezzina dejjem hallas dak rikjest minnu skond il-Ligi tat-taxxa fuq id-dhul, u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza mal-imsemmi Dipartiment.

Ghaldaqstant, John Bezzina talab lil din il-Qorti joghgobha tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni riportata fl-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2007, u dan ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li biha eccepixxa:

Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet vantati minn John Bezzina huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi kif jaf ben tajjeb John Bezzina huwa kien gie investigat permezz ta' *tax audit* li saret mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni wara li kien hemm dubji serji dwar l-*income* dikjarati minnu fil-prospetti tat-taxxa ghas-snin in kwistjoni;

2. Illi effettivament minn din it-*tax audit* irrizulta b'mod car u inekwivoku li John Bezzina ma kienx iddikjara id-dhul kollu tieghu kif suppost u skond il-ligi;

3. Illi fil-fatt John Bezzina volontarjament kien mela formoli AF 1s (*Adjustment Forms*) u cioe` permezz ta' dawn il-formoli huwa ikkorega d-dikjarazzjonijiet tieghu dwar l-*income* tieghu biex jirriflettu d-dhul reali tieghu ghas-snin in kwistjoni;

4. Illi konsegwenza ta' din l-omissjoni ta' John Bezzina, l-istess mhux biss wehel it-taxxa fuq id-differenza tad-dhul li ma kienx iddikjara qabel imma wehel

ukoll il-multi u l-imghaxijiet skond il-ligi kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi t-total ta' tmint elef erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin - (Lm8,441) (€19,662.24) huwa ghalhekk rapprezentanti s-somma ta' Lm3,414 bhala hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima in kwistjoni; Lm5,027 bhala taxxa addizzjonali kif korrettement gie mitlub fl-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2007 mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

6. Illi ghalhekk it-talbiet ta' John Bezzina ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Fl-4 ta' Gunju 2008 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezenta nota li biha informa lill-Qorti li xtaq iressaq eccezzjoni ulterjuri segwenti.

"Illi l-procedura ta' l-azzjoni odjerna hija irritu u nulla in vista tal-fatt illi r-rikors in risposta gie intavolat ai termini ta' l-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi odjerni peress illi l-ittra ufficjali ezekuttiva in materia inharget abbazi ta' l-artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372)."

Fin-nota tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sostna r-raguni ta' din l-eccezzjoni ulterjuri hija s-segwenti:

"1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-esponent kif dedotti fl-ittra Ufficjali numru 2297/2007 tat-13 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet

premessi, huma bbazati interament fuq l-Income dikjarat <u>mir-rikorrent stess</u> fil-Formoli tat-Taxxa fuq l-*Income u Self Assessment* u l-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003 li r-rikorrent kien mela <u>volontarjament</u>;

2. Illi meta r-rikorrent naqas milli jhallas it-taxxa dovuta skond id-dikjrazzjonijiet tieghu stess, l-esponent ipproceda bil-hrug ta' avviz ta' talba mahrug skond l-Artikolu 44(2A)(c) tal-Kap 372 liema dokument huwa hawn anness u immarkat bhala 'Dok A'. Sussegwentement, fin-nuqqas ta' hlas fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz ta' talba, l-esponent ipproceda biex jesegwixxi ghall-hlas bis-sahha tat-titolu esekuttiv ai termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap 372 wara jumejn min-notifika tat-talba ghall-hlas permezz ta' l-imsemmi att gudizzjarju;

3. Illi stante li l-ittra ufficjali ezekuttiva in materia inharget abbazi ta' l-artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta) li hija *lex specialis*, ma japplikawx ghaliha r-regoli generali tal-procedura civili, ossija l-procedura ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jissottmetti l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri."

Illi John Bezzina irrisponda li:
"2. Illi qabel xejn l-esponenti qed joggezzjona bil-qawwa kollha li r-rikorrenti Kummissarju tat-Taxxi Interni jinghata l-fakulta` li jressaq eccezzjoni ohra ulterjuri wara li mal-presentata tar-risposta tieghu naqas li jaghmel dan meta ta mhux inqas minn sitt eccezzjonijiet ohra li huma indikati fir-risposta tieghu prezentata quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2007, u dan aktar u aktar meta f'dan l-istadju r-rikorrent qed jaghmel eccezzjoni fuq punt ta' dritt haga li naqas li jaghmel fl-istadju opportun u fil-perjodu prefiss lilu skond il-Ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost bir-rispett kollu, l-Artikolu 466 tal-Kap 12 hija procedura stabbilita

f'kull kaz meta kap ta' dipartiment, u allura r-rikorrent huwa wiehed minnhom, jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li hu jemmen li dovut lid-Dipartiment, u wara li huwa jaghmel dikjarazzjoni mahlufa jkun jista' jimxi b'att gudizzjarju daqs li kieku l-kaz ikun gudikat mill-Qorti kompetenti, imma li din il-procedura titwaqqaf u ma jkollhiex l-effett ezekuttiv, *'kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata'*;

4. Illi dak li nghad fin-nota tieghu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li l-ittra ufficjali ezekuttiva nharget a bazi ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Taxxa, Kap 372 fejn qed jigi indikat li hija *lex specialis* bir-rispett kollu din xorta hija soggetta ghall-procedura applikabbli ghaliha taht il-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn anke mill-qari taghha, il-ligi, tghidlek hekk u nikkwota per ezempju l-istess artikolu citat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-Artikolu 40 tal-Kap 372 li jibda hekk, *"Dan li gej jikkostitwixxi titolu ezekuttiv u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili …"*

5. Illi proporju kien dan li l-esponent John Bezzina ghamel billi mexa fuq il-procedura stabbilita ghal kull kaz meta kap ta' dipartiment irid jinforza kontra cittadin allegat hlas ta' kreditu, li wiehed jikkontesta dan il-hlas u li dan ghamlu a tenur ta' l-Artikolu 466(2) u 466(3); Infatti l-kap ta' dipartiment kellu u ghandu dritt jipprezenta risposta ghar-rikors ta' l-esponenti ghoxrin jum min-notifika li effettivament hekk ghamel il-Kummissarju tat-Taxxi Interni f'dan il-kaz fir-risposta tieghu tas-27 ta' Lulju 2007 u bir-rispett kollu, l-Artikolu citat 40 et sec tal-Kap 372 jitkellem dwar gbir u jghid car u tond li huwa applikabbli pero` dejjem soggett ghall-Artikolu 466 tal-Kap 12 ghax inkella ma jaghmilx sens illi kull kap ta' dipartiment minghajr procedura gudizzjarja ma jista' jigi kontestat qatt ghal dak li hu jidhirlu ghandu jkun titolu ezekuttiv!

6. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jressaq l-eccezzjoni

ulterjuri li taqra hekk, *"Illi l-procedura ta' l-azzjoni odjerna hija irritu u nulla in vista tal-fatt illi r-rikors in risposta gie intavolat ai termini ta' l-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi odjerni peress illi l-ittra ufficjali ezekuttiva in materia nharget abbazi ta' l-artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372)"*;

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Aspetti legali:</u>***

Jibda biex jinghad li l-artikolu 728(1) u (2) u 731 tal-Kap 12 jghidu:

"728**.** (1) Bla ]sara g]ad-dispo\izzjonijiet ta' l-artikolu 731 fil-kaw\i li jsiru b'rikors [uramentat l-e``ezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu g]andhom jing]ataw fir-risposta [uramentata skond il-ka\. Dawk l-e``ezzjonijiet li jolqtu l-meritu g]andhom jing]ataw bla ]sara ta' dawn l-e``ezzjonijiet dilatorji.

(2) Ebda e``ezzjoni o]ra ma tista' ting]ata f'waqt ie]or tal-kaw\a, b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jing]ataw iktar e``ezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ra[unijiet validi l-g]aliex ma jkunux ing]ataw fin-nota ta' l-e``ezzjonijiet jew fir-risposta."

"731. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 728 ma jg]oddux g]al dawk l-e``ezzjonijiet li jistg]u b'disposizzjoni espressa ta' dan il-Kodi`i jing]ataw f'kull waqt tal-pro`edimenti, jew g]al eccezzjonijiet li jinqalg]u waqt il-kaw\a."

Ukoll il-Qorti sejra tirreferi ghall-artikoli segwenti:

"158. (1) Il-konvenut g]andu jippre\enta r-risposta [uramentata tieg]u fi \mien g]oxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba."

"158. (11) Ir-risposta [uramentata tista', wara li jin[iebu l-provi ta' l-attur u qabel ma l-konvenut i[ib il-provi tieg]u, ti[i emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' wa]da jew o]ra mill-e``ezzjonijiet, kemm b'\ieda ta' e``ezzjonijiet o]ra, bla ]sara g]al dawk l-e``ezzjonijiet li jinqalg]u f'kull stadju tal-kaw\a."

"151. G]aldaqshekk, il-kaw\i li l-iskritturi tag]hom ikunu [ew mag]luqa kif jing]ad fl-artikolu 146, fl-ordni tad-data li fiha dawk l-iskritturi jkunu [ew hekk mag]luqa."

Minn dan johrog car li l-eccezzjonijiet kollha ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata u f'ebda waqt iehor tal-kawza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi jew ma jkunux wahda minn dawk l-eccezzjonijiet li skond il-Kap 12 jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti jew bhala eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza.

Ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li l-ligi tistabbilixxi terminu sabiex isiru l-eccezzjonijiet fih, liema terminu huwa wiehed perentorju u li ma jistax jigi estiz hlief kif inghad fuq. L-istess principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza nostrana. Infatti l-Qorti m'ghandhiex taghti permess ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ghall-anqas ma ssirx prova li xi allegat fatt gie skopert fl-istadju meta sar ir-rikors u li l-konvenut ma setax ikun jaf bih fiz-zmien meta giet intavolata n-nota ta' l-eccezzjonijiet. Infatti n-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri b'ebda mod ma tista' tkun xi *after thought* ghal eccezzjonijiet maghmula precedentement ghax altrimenti l-ligi procedurali tkun qed tigi stultifikata.
Ara f'dan is-sens rikors 557/06FS, deciza 24 ta' Jannar, 2008 minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana**.

***<u>D2. Kaz in ezami:</u>***
Fin-nota tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri, izda r-ragunijiet li ta ghaz-zieda ta' l-eccezzjonijiet ma jinkwadrawx ruhhom fit-termini legali fuq citati. Inoltre l-eccezzjoni ulterjuri mitluba hija fuq punt ta' dritt li hija permessa biss li tizdied f'dawk il-kazijiet fuq imsemmija – artikolu 731 tal-Kap 12. Il-*lex specialis* imsemmija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u cioe` l-Kap 372 artikolu 40 kien jezisti fl-istadju li giet prezentata n-nota ta' eccezzjonijiet originali u ghalhekk kien jinkombi fuq l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni li f'dak l-istadju jipprezenta l-eccezzjoni li qed jitlob issa. Interessanti wkoll huwa l-fatt li l-Kummissarju qieghed

isostni li l-procedura uzata minn John Bezzina mhix propju dik a tenur tal-ligi u fl-istess hin il-Kummissarju stess mhux qed ikun konformi mal-ligi fuq l-aspett ta' zieda ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ghall-prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza li ghandha titkompla fl-4 ta' Mejju 2009 fl-10.30 a.m.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------